MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 463/1990/1

**Anthony GALDES fil-kwalita' tiegħu ta' Gvernatur għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank Ċentrali ta' Malta; u l-Ministru tal-Finanzi**

**vs**

**Lawrence BORĠ personalment kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Cerviola Hotel Limited; u Dottor Michael Caruana u Prokuratur Legali Joseph Martinelli nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' estera Cerviola Holidays Limited ta' Woodley, Stockport, United Kingdom**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-27 ta' April, 1990, li bih l-atturi ippremettew :-

Illi l-konvenut Lawrence Borg huwa azzjonista fis-soċjetajiet konvenuti ċioe' "Cerviola Holidays Limited" u "Cerviola Hotel Limited";

Illi s-soċjeta' "Cerviola Holidays Limited" topera negozju ta' tour operator għal vjaġġi bejn diversi pajjiżi fosthom bejn ir-Renju Unit u Malta;

Illi s-soċjeta' konvenuta "Cerviola Hotel Ltd." topera ċ-Cerviola Hotel f'Malta u b'arranġament mas-soċjeta' l-oħra konvenuta tirċevi turisti lilha mibgħuta minnha;

Illi l-Gvern ta' Malta introduċa skema imsejħa 'Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme' għal tour operators li jorganiżżaw vjaġġi bejn ir-Renju Unit u Malta, liema skema tipprovdi rata garantita għal ċertu perjodu matul is-sena, taħt ċerti kondizzjonijiet kif ġew spjegati f'ċirkulari maħruga u pubblikata mill-Bank Ċentrali;

Illi s-soċjeta' konvenuta "Cerviola Holidays Limited" applikat taħt din l-iskema lill-Bank Ċentrali u dan ħarġilha il-permess relattiv biex topera taħt l-istess skema;

Illi ż-żewġ soċjetajiet konvenuti in kolluzjoni bejniethom użaw din l-iskema u l-permess relattiv biex, minflok ma utiliżaw il-flus fdati u mħallsa lilhom minn diversi turisti mir-Renju Unit għall-iskop li ngħata l-permess, użaw l-istess flus biex ivvantaġġjaw lilhom infushom bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-iskema u permess relattiv u dan għad-dannu tal-atturi;

Illi kif jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-konvenuti akkreditaw diversi ammonti ta' flus favur tagħhom meta l-istess ammonti kellhom jiġu utiliżżati skond l-iskema u permess fuq imsemmi u bħala riżultat ta' dan l-atturi sofrew danni konsiderevoli;

Illi f'idejn il-Mid-Med Bank Limited hemm depożitata s-somma ta' Lm2221.77,5 f'isem is-soċjeta' konvenuta "Cerviola Holiday Limited" provenjenti mill-operazzjoni tal-iskema fuq imsemmija li għar-raġunijiet fuq premessi din is-somma hija dovuta u tappartieni lill-atturi;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kisru l-kondizzjonijiet tal-'Special Guaranteed Pound Sterling Rate Scheme' u l-permess relattiv mogħti biex tiġi operata l-istess Scheme għal vjaġġi bejn ir-Renju Unit u Malta;

2. Tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli solidalment bejniethom għad-danni sofferti mill-atturi billi huma ottenew illegalment vantaġġ finanzjarju għad-dannu tal-atturi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi;

4. Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati;

5. Tiddikjara illi s-somma fuq imsemmija ta' elfejn mitejn wieħed u għoxrin lira, sebgħa u sebgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (lm2221.77,5) flus maltin, tappartieni u hija dovuta lill-atturi bħala parti mid-danni sofferti minnhom;

6. Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu l-istess ammont ta' Lm2221.77,5 lill-atturi bħala akkont tad-danni li jiġu likwidati favur tagħhom skond it-tielet (3) talba fuq imsemmija;

7. Konsegwentement tawtorizza lill-atturi jizbankaw l- istess ammont ta' Lm2221.77,5 għar-raġunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-12 ta' Diċembru 1989 u 13 ta' Frar 1990 kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-24 ta' Mejju, 1990, li biha l-imħarrek Lawrence Borġ *proprio* u *nomine* eċċepixxa :-

"(1) Fl-ewwel lok illi t-tahrika li saret kontra tieghu personalment bhala azzjonista m'hijiex sostenibbli peress illi l-azzjonista Socjeta' kummercjali ma jirrapprezentax l-istess Socjeta' guridika differenti u l-Bank Centerali dahal fi ftehim ma' Socjetajiet u mhux ma' individwi.

(2) Fit-tieni lok illi l-fatti allegati u d-danni pretizi huma ghal kollox michuda kemm personalment u kemm ghan-nom tal-Kumpanija "Cerviola Hotel Limited" peress li huma ghal kollox infondati.

(3) Fit-tielet lok illi hija michuda assolutament kwalunkwe kolluzjoni allegata peress illi ma kienx jezisti fl-ewwel lok xi abbuz imsemmi fit-tieni eccezzjoni.

(4) Li mhux minnu illi l-atturi sofrew xi danni kif qed jigi allegat.

(5) Illi l-kawza proposta fuq il-bazi ta' danni ma tistax tigi milqugha peress illi l-bazi legali biex wiehed jitlob id-danni stabbiliti mil-ligi taghna ma tinkorporax dak illi qed jippretendu l-atturi f'din ic-citazzjoni u ghalhekk l-azzjoni ghad-danni minnhom proposta hija irritwali.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-Degriet tal-31 t'Ottubru, 1990[1], li bih inħatar l-Avukat Dottor Patrick J. Galea bħala perit legali mgħejjun minn Oscar Paris bħala perit tekniku;

Rat id-Degriet tas-17 ta' Novembru, 1995[2], li bih il-kawża tħalliet *sine die*;

[1] Paġ. 17 tal-proċess
[2] Paġ. 34 tal-proċess

Rat id-Degriet tat-18 ta' Frar, 1997[3], li bih tneħħew il-periti ġudizzjarji oriġinali u nħatru minflokhom l-Avukat Dottor Anthony Ellul bħala perit legali u Albert Vella bħala perit tekniku;

Rat il-provvediment mogħti fit-30 ta' Ottubru, 1998[4], li bih irregolat il-produzzjoni fl-atti tal-kawża ta' provi li setgħu kienu mħarsin mid-dispożizzjonijiet tal-Att XXIV tal-1994, liema provvediment tfisser b'ieħor mogħti fis-27 ta' April, 1999[5];

Rat id-degriet tal-10 ta' Novembru, 1999[6], mogħti waqt is-smigħ ta' dak inhar li bih l-imħallef li quddiemu kienet qegħda tinstama' l-kawża astjena milli jibqa' jismagħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2000, li bih ħatret lill-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha, u dan biex tiġbor ix-xhieda f'din il-kawża u fil-kawża li hija konnessa magħha u li dwarha qegħda wkoll tingħata s-sentenza llum[7];

Rat il-verbal magħmul mid-difensuri tal-partijiet quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju fit-30 t'April, 2002, li bih iddikjaraw li ma kienx għad fadlilhom provi oħrajn x'iressqu u talbu li l-atti tal-kawża jingħaddew lura lill-Qorti għat-trattazzjoni[8];

Rat id-degriet tal-14 ta'Ġunju, 2002, li bih il-Qorti (diversament presjeduta) ħassret il-ħatra mogħtija lill-Assistent Ġudizzjarju u ħalliet il-kawża għall-provi tal-imħarrek Ministru tal-Finanzi, jekk ikun il-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrek Lawrence Borġ;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-attur Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta fis-7 ta' Mejju, 2003[9];

---

[3] Paġ. 36 tal-proċess
[4] Paġ. 54 tal-proċess
[5] Paġ. 59 tal-proċess
[6] Paġ. 95 tal-proċess
[7] Ċitazz. Nru. 2959/96JRM fl-ismijiet "Lawrence Borġ noe vs Gvernatur Bank Ċentrali ta' Malta"
[8] Paġ. 126 tal-proċess
[9] Paġġ. 157 sa 166 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2003, u tad-9 ta' Ottubru, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni l-atturi qegħdin jixlu lill-imħarrek u lill-kumpanniji li fihom hu mdaħħal bi ksur tal-kondizzjonijiet ta' skema għall-benefiċċju tal-operaturi tal-ivvjaġġar (aktar 'il quddiem imsejħa "f.b.r.") u għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba mill-istess atturi minħabba f'hekk. Huma jgħidu li, bl-arranġamenti li wettqu bejniethom il-kumpanniji mħarrkin, żammew għalihom flus li, kieku tħaddmet kif imiss l-iskema msemmija, kienu jidħlu għand l-atturi;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek *proprio* u *nomine* laqa' billi ċaħad l-allegazzjonijiet tal-atturi u kif ukoll li l-attur setgħu ġarrbu xi danni, u dan minbarra li qiegħed jgħid li l-azzjoni hija irritwali;

Illi l-Kuraturi Deputati maħtura biex jidhru għall-kumpannija barranija Cerviola Holidays Limited baqgħu ma ressqu l-ebda eċċezzjoni;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta bħala fatt li f'Mejju tal-1986, kienet inħarġet ċirkolari[10] li biha operaturi tal-ivvjaġġar fir-Renju Unit li jibgħatu turisti f'Malta matul ix-xhur tax-Xitwa 1986-1987 kienu qegħdin jiġu garantiti rata fissa bejn il-lira Sterlina u l-Lira Maltija. Kienu stabiliti wkoll kundizzjonijiet li riedu jitħarsu minn dawk imħajrin biex jidħlu fl-iskema. Dik l-iskema ġiet imtennija għadd ta' drabi, għal żminijiet partikolari. Jidher li l-ewwel darba li l-kumpannija barranija mħarrka applikat kien fl-1987 u l-permess ingħata. Aktar 'il quddiem, il-Bank attur ma raġax ħareġ permess lill-kumpannija barranija mħarrka,

[10] Dok "A", f'paġġ. 5 sa 7 tal-proċess

għalkemm applikat iżjed minn darba. L-imħarrek huwa direttur tal-kumpannija Maltija u għandu interessi fil-kumpannija barranija li l-ħidma ewlenija tagħha hija dik ta' aġenzija tal-ivvjaġġar. Il-kumpannija Cerviola Holidays Limited hija reġistrata fir-Renju Unit. Il-Bank attur qabbad uffiċjali tiegħu jagħmlu stħarriġ dwar it-tħaddim tal-iskema min-naħa tal-kumpanniji mħarrkin, wara li irriżultawlu xi ħwejjeġ li ħolqu suspett li l-istess kumpanniji kienu qegħdin jinqdew bl-iskema mhux għall-għanijiet li kienet twaqqfet. F'April tal-1990, infetħet il-kawża;

Illi meta tasal għall-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt dwar il-mertu tal-kawża</u>, din il-Qorti ssib li l-każ huwa wieħed li, min-natura tiegħu, jitlob li jinġiebu provi tajba u ċari biżżejjed li fuqhom wieħed ikun jista' jasal għall-fehma univoka li x-xilja magħmula lill-imħarrkin hija minnha. L-azzjoni attriċi tinbena fuq tliet premessi ewlenin: l-ewwel hi li l-kumpanniji mħarrkin, b'kollużjoni bejniethom, użaw l-iskema għal għanijiet li ma kinux dawk maħsuba mill-istess skema; it-tieni, li bl-għamil tagħhom, il-kumpanniji mħarrka żammew għalihom flejjes li messhom tqegħdu fil-kontijiet bankarji kif provdut fl-iskema; u t-tielet, li minħabba f'hekk, l-atturi ġarrbu ħsara u telf;

Illi, x'aktarx minħabba l-mod kif bih il-kawża tmexxiet matul is-snin u minħabba li l-attenzjoni ntefgħet iżjed fuq x'kien il-mertu tal-kawża li magħha din kienet qegħda tinstama', wieħed isib li hemm nuqqas konsistenti ta' provi tajbin biżżejjed biex isostnu l-imsemmija tliet premessi. Dawk il-provi li tressqu mill-Bank attur jagħtu ħjiel tal-istħarriġ imwettaq minnu fuq is-suspetti li nħolqulu dwar l-imġiba tal-kumpanniji mħarrkin, iżda ma jidhirx li jippruvaw, sal-grad meħtieġ fil-kamp tal-proċediment ċivili, l-istess premessi;

Illi huwa minnu li tressqet prova[11] dwar il-mod kif il-Bank iqis li tħaddmet l-iskema ta' "riċiklaġġ" min-naħa tal-kumpannija barranija mħarrka, iżda l-Qorti hija tal-fehma li dan ma kienx biżżejjed għaliex dik il-prova ma ntweriex li tmur lil hinn minn suspett. M'hemm l-ebda prova oħra fl-

[11] Xhieda ta' David Pulliċino 1.9.1997, f'paġġ. 82-3 u 96 tal-atti tal-kawża 2959/96JRM

atti li sseddaq dak is-suspett. Huwa minnu wkoll li, fis-sottomissjonijiet tal-egħluq, il-Bank attur jirreferi għal rapport u provi li suppost jippruvaw il-każ, iżda l-Qorti ma sabet xejn minn dan fl-atti tal-kawża (u lanqas fl-oħra li miexja magħha). Ir-riferenza għal dokumenti f'Nota ta' Sottomissjonijiet m'hijiex fiha nnifisha l-prova tagħhom, iżjed u iżjed jekk dawk id-dokumenti ma jkunux jagħmlu parti mill-atti proċesswali. Lanqas ma jista' jitħalla li parti tressaq "provi" b'sottomissjoni. Huwa evidenti li l-Bank attur għandu l-impressjoni li ressaq xi provi f'xi waqt tal-kawża, meta dan ma kienx il-każ. Biżżejjed jingħad li d-data msemmija fin-Nota ta' Sottomissjonijiet[12] bħala dik li fiha tressqu l-provi dwar il-każ lanqas biss jirriżulta li kienet data li fiha nstemgħet il-kawża (il-kawża l-oħra wkoll kien għad jonqosha xi ħames snin biex tinfetaħ);

Illi, mbagħad, ma' dan wieħed irid isemmi wkoll li l-attur l-ieħor, il-Ministru tal-Finanzi, lanqas qatt deher jew ressaq l-iċken prova f'din il-kawża, u dan minkejja li kien ko-attur mal-Bank u minkejja li għal xi żmien kien rappreżentat minn aktar minn avukat wieħed;

Illi jekk il-ftit provi li tressqu mill-Bank attur jistgħu u fil-fatt huma meqjusa bħala tajbin għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-imġiba tal-Bank fil-konfront tal-kumpannija barranija Cerviola Holdings Limited (kif din il-Qorti waslet biex issib fl-atti tal-kawża l-oħra maqtugħa llum ukoll), ma jistax jingħad li dawn il-provi jsostnu kif imiss din l-azzjoni attriċi. Hawnhekk irid jingħad li l-fatt li ż-żewġ kawżi setgħu kienu marbutin ma' xulxin u qegħdin jinstemgħu flimkien, ma kienx iwassal għall-konklużjoni li r-rebbieħ f'din il-kawża kien tabilfors it-tellief fil-kawża l-oħra. In-natura essenzjali taż-żewġ kawżi kienet titlob prova speċifika u differenti għal kull waħda;

Illi l-Qorti fliet sewwa u fit-tul iż-żewġ proċessi biex tgħarbel il-provi li tressqu u biex tislet minnhom il-fatti li fuqhom tista' tasal għall-konvinċiment li jrid iwassal għal deċiżjoni: iżda, minkejja dan, l-atti tal-kawżi ma joħorġux

[12] Ara t-tieni paragrafu f'paġ. 160 tal-proċess

dawk il-provi meħtieġa. Fil-każ preżenti, dan jgħodd għat-tliet premessi ewlenin li fuqhom l-azzjoni attriċi tinbena;

Illi billi t-talbiet kollha attriċi huma sensiela li torbot mas-siwi tal-ewwel talba, joħroġ li l-Qorti ma tistax lanqas issib favur l-atturi dwarhom. Hawn ukoll irid jingħad li l-ewwel darba li l-pretensjoni tad-dannu mġarrab mill-Bank attur tissemma u jingħata ħjiel tal-kwantifikazzjoni tagħha hija sewwsew fin-Nota ta' Sottomissjonijiet. Kif ingħad diġa', sottomissjoni m'hijiex prova u ma tistax titqies bħala tali. L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda l-attur Ministru tal-Finanzi, li hawn ukoll ma ressaq l-ebda prova dwar id-dannu suppost imġarrab minnu bl-allegata mġiba tal-kumpanniji mħarrkin;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'eżami taż-żewġ eċċezzjonijiet ta' għamla proċedurali mqanqlin mill-imħarrkin Lawrence Borġ f'ismu proprju u l-kumpannija Cerviola Hotel Limited;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarkin Lawrence Borġ u Cerviola Hotel Limited;

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma ġewx pruvati kif imiss; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu flimkien l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------